MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 656/2012

**HSBC Bank Malta plc C3177**

**vs**

**Mario Bezzina (karta tal-identita 61651M), Monica Bezzina (karta tal-identita 710454M) u Karl Bezzina (karta tal-identita 117482M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-Rikors Mahluf prezentat fis-27 ta'Gunju 2012 li bih s-socjeta rikorrenti ppremettiet:

1. *Illi hi tokkupa hatra ta' ufficjal tal-bank attur fl-ufficju legali ta' l-istess Bank u ghalhekk dawn il-fatti li hi sejra tistqarr hi tafhom jew personalment jew inkella minn*

*dokumenti tal-istess bank li hi ghandha access ghalihom. Hi tiddikjara wkoll li hija awtorizzata mill-imsemmi bank sabiex taghmel din id-dikjarazzjoni ghan-nom tieghu;*

*2. Illi l-bank attur ta' diversi facilitajiet ta' overdraft u self lis-socjeta' KML Manufacturing Ltd. (C20523);*

*3. Illi s-societa KML Manufacturing Limited ammettiet id-djun taghha favur tal-Bank rikorrent permezz ta' zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia t-tnejn datati 18 ta' Dicembru 2007 fl-ammont ta' €188,601.49 in kwantu facilitajiet ta' overdraft u €593,699.55 in kwantu faiclitajiet ta' self kif jirrizulta mill-kopji hawn annessi u mmarkati Dok. HSBC I u II rispettivament;*

*4. Illi l-initmati Bezzina ffirmaw matul is-snin garanziji a favur il-bank rikorrent sabiex, in solidum mas-socjeta' KML Manufacturing ltd., jaghmlu tajjeb ghall-facilitajiet bankarji moghtija favur l-istess socjeta', u dan bil-mod segwenti:*

*(i) fl-20 ta' Jannar 2005 l-intimati Mario u Monica Bezzina iffirmaw garanzija sal-ammont ta' Lm30,000;*

*(ii) fl-20 t'Ottubru 2005 l-intimati Mario, Monica u Karl Bezzina iffirmaw garanzija sal-ammont ta' LM201,000;*

*(iii) fis-7 ta' Dicembru 2005 l-intimat Karl Bezzina ffirma garanzija sal-ammont Lm23,000;*

*(iv) fit-30 ta' Marzu 2006 l-intimati Mario u Monica Bezzina iffirmaw garanzija sal-ammont ta' Lm 33,000;*

*(v) fit-30 ta' Mejju 2006 l-intimat Karl Bezzina ffirma garanzija sal-ammont ta' Lm 40,000;*

*(vi) fil-11 t' Ottubru 2006 l-intimat Mario, Monica u Karl Bezzina iffirmaw garanzija sal-ammont ta' Lm 45,000;*

*(vii) fil-11 t' Ottubru 2006 l-intimati Mario u Monica Bezzina iffirmaw garanzija sal-ammont ta' Lm 40,000;*

*(viii) fit-28 ta' Frar 2007 l-intimat Karl Bezzina ffirma garanzija sal-ammont Lm 40,000;*

*5. Illi ghalhekk l-intimati Mario, Monica u Karl Bezzina huma solidament responsabbli, skond il-garanziji iffirmati minnhom, ghall-ammont globali ta' tlett elef disgha u erbghin Lira Maltin (Lm 349,000, ekwivalenti ghal €812,951.32) u dawn ikoll bl-imghaxijiet minn sitt xhur qabel id-data ghat-talba ghall-hlas skond klawzola numruu sebgha (7) ta' l-istess garanziji ffirmati minnhom;*

*6. Illi skond klawsola numru disgha (9) tal-garanziji kollha ffirmati mill-intimati Bezzina ammissijoni da parti tad-debitur principali in konnessjoni mal-ammont dovut mil-istess debitur principali torbot dawk li dahlu bhala garanti u allura l-istess intimati ma jistghux jichdu l-ammont dovut;*

*7. Illi l-ammont in kwantu ghall-kapital illum dovut lill-Bank rikorrent mis-socjeta KML Manufacturing Ltd., wara tpacija tal-prezz ta' diversi proprjetajiet tal-istess socjeta' mibjughin tramite bejgh in sub hasta, huwa €499,583.46 rapprezentanti l-ammont kapitali ta' €138,323.92 fuq il-kont bin-numru 033-127952-300, €33,003.40 fuq ilkont bin-numru 033-127952-301, €53, 575.59 fuq il-kont bin-numru 033-127952-302, €104,821.80 fuq il-kont bin numru 033-127952-303 €93,174.94, fuq il-kont bin-numru 033-127952-304 u €76,683.81 fuq il-kont bin-numru 033-127952-340, bl-imghaxijiet skond il-Ligi;*

*8. Illi l-intimati ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut minnhom bhala garanti solidali tal-istess socjeta' ma hallsux l-ammont dovut;*

*9. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba sa fejn jaf l-esponent;*

*10. Illi f'dawn il-proceduri l-Bank attur qieghed jillimta t-talba tieghu biss ghall-ammont ta' €300,000, bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 2009, pro rata minn kull kont hawn fuq imsemmi, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-bank li jipprocedi ghal bilanc f'stadju ulterjuri.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*i) Tiddeciedi skond it-talbiet rikorrenti bid-dispenza mis-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*ii) Tikkundanna lill-intimati in solidum biex ihallsu l-ammont ta' tlett mitt elf euro (€300,000) bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 2009 liema ammont huwa dovut minnhom bhala garanti solidali tad-debitur principali s-socjeta KML Manufacturing Ltd.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali datat 18 ta' Mejju 2010 u tal-mandat ta' inibizzjoni u sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament finali kontra l-intimati li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi illi naqsu illi jipprezentaw twegiba mahlufa;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum it-Tnejn 3 ta' Dicembru 2012 u fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2012, l-intimati ma dehrux, u dan minkejja illi l-Qorti

ipposponiet il-kawza ghal zmien ragonevoli u regghet sejhet l-intimati ;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-kawza;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u ghalhekk qedgha tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna l-intimati in solidum sabiex ihallsu lill-Bank rikorrenti is-somma tlett mitt elf Ewro (€300,000) bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 2009 liema ammont huwa dovut minnhom bhala garanti solidali tad-debitur principali s-socjeta KML Manufacturing Ltd.**

**3. Tikkundanna lill-intimati sabiex jhallsu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Mejju 2010 u tal-mandat ta' inibizzjoni u sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament finali kontra l-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------